MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 78/2014

**Jefpet Limited**

**Vs**

**HSBC Bank Malta plc u Lombard Bank Malta plc**

**u Management Support Services Limited**

**ghal kull interess li jista jkollhom**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Jefpet Limited tad-29 ta'Jannar 2014, (a fol.1 et seq) li jaqra hekk:

1. *Illi permezz ta' kuntratt pubblikat fid-19 ta' Jannar 2010 fl-atti tan-Nutar Pubbliku Carmel Mangion, is-socjeta' esponenti, u l-garanti taghha hemmhekk indikati, ikkostitwew ruhhom bhala veri, certi u likwidi debituri tas-socjeta' konvenuta HSBC Bank Malta plc fl-ammont ta' €9,892,017 .67 .*

2. *Illi permezz ta' ittra ufficcjali intavolata fil-5 t'April 2011, u notifikata lis-socjeta' attrici fit-5 t'April 2011, is-socjeta' konvenuta HSBC Bank Malta plc ippremettiet li kienet qed trendi ezegwibbli l-imsemmi att notarili tad-19 ta' Jannar 2010.*

3. *I1li b'rikors intavolat fit-2 t'Awwissu 2012, is-socjeta' konvenuta HSBC Bank Malta plc talbet lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' qbid ezekuttiv b'dan illi tordna l-bejgh in sub hasta ta' l-utile dominium perpetuum tal-porzjoni diviza ta' art ta' daqs irregolari, inkluz l-arja taghha u s-sotterran, inkluz ukoll id-dawra ta' mal-bahar, formanti parti mit-territorju maghruf bhala "ll-Gzira" sive "Il-Mitquba", fl-inhawi tal-"Promotorju", bil-beni u l-facilitajiet li jinsabu fuqha, b'access dirett ghal fuq Triq Dawret it-Torri fil-lokalita' ta' Marsascala, Malta, u liema art hija konfinanti min-nofsinhar mal-bahar, mil-lvant u mill-punent in parti mal-bahar u in parti ma' proprjeta' ta' terzi mhux maghrufa u mit-tramuntana ma'Triq Dawret it-Torri. inkluz ukoll il-bini gia' maghruf bhala "Jerma Palace Hotel" u l-artijiet ta' madwarha li jifformaw parti ntegrali minnha, konsistenti fi zvilupp minghajr numru b'access dirett tniun Triq Dawret it-Torri fil-lokalita' ta' Marsascala u liema lukanda u artijiet ta' madwarha jikkonfinaw mit-tramuntana mill-istess triq li minnha hemm l-access, u mix-xlokk u l-ilbic mal-bahar. Is-socjeta' konvenuta HSBC Bank Malta plc talbet ukoll fl-istess rikors Ii l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili joghgobha tappunta espert biex jaccedi fuq il-post u jaghmel il-valutazzjoni tieghu, u tiffissa jum, hin u lok ghall-bejgh tal-proprjeta' imsemmija.*

4. *Illi b'nota intavolata fit-22 t'Awwissu 2012, is-socjeta' konvenuta Lombard Bank Malta plc dahlet fil-bejgh bl-irkant mibdi ad istanza tas-socjeta' konvenuta HSBC Bank Malta plc bhala ezekutant iehor ai termini ta' l-Artikolu 346 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

5. *Illi b'nota intavolata fl-10 t'Ottubru 2012, is-socjeta' konvenuta Management Support Services Limited dahlet fil-bejgh bl-irkant mibdi ad istanza tas-socjeta' konvenuta HSBC Bank Malta plc bhala ezekutant iehor ai termini ta' l-Artikolu 346 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

6. *Illi fl-atti tas-subbasta ta' hwejjeg immobbli bin-numru 80/2012, liema atti nholqu b'konsegwenza tar-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' qbid ta' hwejjeg immobbli*

*mressaq mis-socjeta'konvenuta HSBC Bank Malta plc fit-2 t'Awwissu 2012, l-istess socjeta'konvenuta HSBC Bank Malta plc, fil-11 ta' Lulju 2013, intavolat rikors iehor li permezz tieghu talbet li l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili joghgobha fl-ewwel lok, tordna li kwalunkwe offerent jigi ordnat jaghmel depozitu fis-somma ta' €50.000 jew garanzija bankarja rapprezentanti ammont ekwivalenti mar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili sa mhux aktar tard mit-12 ta' Settembru 2013 izda qabel il-hin tal-bejgh, fit-tieni lok tordna li l-banek kummercjali jigu ezentati minn dina l-ordni, u fit-tielet lok tordna li l-Avviz ghall-Bejgh ghandu javza lill-offerenti bil-htiega tad-depozitu ai termini ta' l-ewwel talba.*

7. *Illi b'digriet moghti fit-12 ta' Lulju 2013,l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili ordnat li dan ir-rikors jigi notifikat lis-socjeta' esponenti, li jkollha erbat ijiern ghar-risposta.*

8. *Illi s-socjeta' esponenti giet notifikata b'dan ir-rikors btl-mezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni, u pprocediet biex intavolat twegiba fejn spjegat ir-ragunijiet taghha ghaliex kienet qed topponi ghat-talbiet dedotti mis-socjeta' konvenuta HSBC Bank Malta plc fir-rikors taghha tal-11 ta' Lulju 2013.*

9. *Illi b'digriet moghti fit-18 ta' Settembru 2013, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili ipprovdiet hekk dwar ir-rikors tas-socjeta' HSBC Bank Malta plc:*

   *Regghet rat ir-rikors*
   *Rat ir-risposta. Tqis li ma hemm xejn fil-ligi li tippretendi [recte: tipprekludi] lil Qorti li taghmel kundizzjonijiet necessarji f'certu kazijiet ta'portata finanzjarja bhal ma hu dan biex jigi assikurat illi min ghandu verantent interess fl-akkwist tal-propjeta' invendita u ma kienx hemm ir-riskju li bejgh jigi sfrattat ghax l-akkwirent ma jkollux il-mezzi juri il-buona fede ghall-akwist b'telf ta' hin u spejjez zejda ghal kullhadd inkluz id-debitur. Billi t-talbiet maghmula huma ragonevoli il-Qorti qed tilqa' t-talba kif dedotta.*

10. *Illi s-socjeta' attrici thoss ruhha aggravata b'dan il-provvediment, u ghalhekk hija qed tressaq din l-azzjoni biex timpunja dak l-istess provvediment.*

11. *Illi l-kundizzjonijiet li gew imposti mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fuq offerenti prospettivi fil-bejgh bl-irkant mitlub ad istanza tas-socjeta' konvenuta HSBC Bank Malta plc huma kontra l-ligi u ma jsibu sostenn minn ebda disposizzjoni tal-ligi.*

12. *Illi wkoll il-kundizzjonijiet imposti mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fuq offerenti prospettivi fil-bejgh bl-irkant mitlub ad istanza tas-socjeta' konvenuta HSBC Bank Malta plc joholqu xkiel fil-konfront tal-bejgh bl-irkant in kwistjoni, liema xkiel ma jsib ebda fondament la fil-fatt u lanqas fil-ligi.*

13. *Illi ghalhekk id-digriet tat-18 ta' Settembru 2013 ghandu jigi revokat u mhassar.*

14. *Illi ghalhekk qed issir din il-kawza.*

15. *Illi Geoffrey Montebello, debitament awtorizzat jirrapprezenta lis-socjeta' attrici fi proceduri gudizzjarji, jikkonferma li jaf bil-fatti suesposti personalment.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, is-socjeta' esponenti umihnent titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *thassar, tirrevoka u tikkancella d-digriet moghti mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Settembru 2013 fl-atti tal-bejgh bl-irkant gudizzjarju ta' hwejjeg immobbli bin-numru 80/2012 fl-ismijiet "HSBC Bank Malta plc vs. Jefpet Limited";*

2. *tghaddi biex tichad it-talbiet maghmula mis-socjeta' konvenuta HSBC Bank Malta plc permezz tar-rikors taghha tal-11 ta' Lulju 2013;*

*u dan kollu previa kull dikjarazzjoni ohra li talvolta jkun jidhrilha li hija opportuna u necessarja.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet konvenuti, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tar-rapprezentanti gudizzjarji taghhom.*

*B'riserva gtral kull dritt t'azzjoni iehor spettanti lis-socjeta' attrici skont il-ligi.*

Rat id-digriet taghha tat-3 ta’ Frar 2014 illi bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza tas-19 ta’Frar 2014 fil-11:45am.

Rat illi l-atti tar-rikors , digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-kontro parti skond il-ligi;

Rat ir-risposta tat-18 ta’ Frar 2014 tas-socjeta’ konvenuta HSBC Bank Malta Plc (a fol. 11 et seq.) li taqra hekk:

1. *“Illi t-talbiet attrici huma manifestament irriti u vessatorji u jixirqilhom illi jigu michuda stante li l-Qorti agixxiet intra vires u skont il-ligi meta ordnat illi qabel il-bejgh bis-subasta kull offerent interessat kellu jiddepozita fil- Qorti fis-somma ta' €50,000 jew garanzija bankarja ghal ammont ekwivalenti ;*

2. *Illi l-procedura wzata ta' rikors guramentat ma hijiex dik rikjesta mill-Ligi u l- Qorti ghanda tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha biex it-talba tigi diretta fl-atti tas-subbasta b' rikors ghal revoka contrario imperio;*

3. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.”*

Rat id-dikjarazzjoni ta’ fatti tas-socjeta’ konvenuta HSBC Bank Malta Plc, ai termini tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ( a fol. 12 et seq.);

Rat ir-risposta tad-19 ta’ Frar 2014 tas-socjeta’ konvenuta Lombard Bank Malta Plc (a fol. 21 et seq.) li taqra hekk:

1. *IIli, preliminarjament, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza peress illi l-procedura hawn adoperata minn Jefpet Limited mhijiex dik idonea peress illi tali talba kellha se mai issir fl-atti tas-subasta stess permezz ta' rikors fejn tintalab ir-revoka tad-digriet contrario imperio u mhux permezz ta' rikors guramentat.*

2. *Illi, fil-mertu, u bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma manifestament irriti u vessatorji kif ukoll infondati fil-fatt u fid-dritt u jixirqilhom illi jigu michuda peress illi dina l'Onorabbli Qorti agixxiet intra vires u skont il'ligi meta ordnat illi qabel il-bejgh bis-subasta kull offerent interessat kellu jiddepozita fil-Qorti fis-somma ta' €50,000 jew garanzija bankarja ghal ammont ekwivalenti.*

3. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz*

B*l-ispejjez."*

Rat id-dikjarazzjoni ta' fatti tas-socjeta' konvenuta Lombard Bank Malta Plc, ai termini tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ( a fol. 23 et seq.);

Rat in-nota ta'sottimissjonijiet tal-kumpanija attrici Jefpet Limited (C43812) tas-7 t'April 2014 (a fol. 32 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet resposiva tal-bank konvenut HSBC Bank Malta plc tad-29 ta' Mejju 2014 (a fol. 49 et seq.);

Rat in-nota ta'Lombard Bank Malta plc tal-11 ta' Gunju 2014 (a fol. 65) li permezz taghha assocjat ruhha mas-sottomissjonijiet bil-miktub imressqa minn HSBC Bank Malta plc;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

It-talba li saret permezz ta' rikors guramentat li ghandha quddiemha din il-Qorti hija ghar-revoka ta' digriet tat-18 ta' Settembru 2013 ta' din il-Qorti kif diversament preseduta li fil-konfront ta' bejgh in subbasta ta'proprjeta' stmata €20,772,000, li permezz tieghu dik il-Qorti ordnat illi kull offerent prospettiv jiddepozita €50,000 jew jaghti garanziji bankarja fl-istess ammont.

L-initmati eccepew illi l-procedura adoperata mhiex idonea u kellha ssir fl-atti tas-subbasta b'talba ghar-revoka contrario imperio; u li t-talbiet attrici kienu vessatorji 'l ghaliex il-Qorti agixxiet intra vires.

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti tibda biex tezamina n-natura ta' d-digriet tal-Qorti diversament preseduta datat 18 ta' Settembru 2013.

Il-Qorti taghraf illi hemm tlett tipi ta' digrieti: u cioe' digrieti definittivi, digrieti interlokutorju u digrieti li la huma definittivi u lanqas interlokutorji - Vide **Josef Gatt vs Marisa Gatt**, Qorti tal-Appell deciz **8 ta'Mejju 2003**; **Paul Tanti pro et nomine et vs Sammy Mifsud** et nomine, Qorti tal-Appell deciz **19 ta' Novembru 2001**; **Joseph Bartolo nomine vs Emanuel Ellul noe** Appell Inferjuri deciz **26 ta' Gunju 1987**; **Edgar Baldacchino et vs Joseph Bellizzi**, Qorti Appell deciz fl-**10 t'Awwissu 1953**.

Huwa resaput illi digiret interlokorju huwa dak li permezz tieghu tigi deciza xi kwistjoni li tirregola l-andament tal-kawza waqt li din tkun ghadha miexja – vide **Philip O. Gatt pro et nomine vs Adrian Busietta pro et nomine** Prim' Awla deciz fid-**9 ta'Mejju 2002**. Dan huwa digriet li ma jikkostitwiex gudikat ghal Qorti li tkun ppronunzjatu u konsegwentement jista' jkun soggett ghar-revoka contrario imperio tal-istess Qorti – vide **Emanuel Abela vs Perit Fredrick Valentino** Appell deciz fil-**4 ta'Dicembru 1998**.

Minn naha l-ohra digriet definittiv itemm kontroversja bejn il-kontendenti.

Issa skond l-insenjament moghti mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Rosa Borg vs Guiseppe Mifsud** deciz fit-**8 ta'Frar 1946:**

> ***"... skond is-sistema tal-Ligi tal-Procedura Civili taghna, it-titolu li jikkontempla d-digrieti, is-sentenzi u l-appelli (Titolu VI), isemmi li***

> ***s-sentenzi tal-Qrati ta' l-Ewwel Istanza huma appellabbli lil din il-Qorti , barra minn certu kazi specjali u jaghti l-mod u t-termini ta' dan l-appell. Il-ligi mbaghad tghaddi ghad-digrieti interlokutorji, u tghid illi minn dawn id-digrieti hemm anki appell... Il-ligi ma qalet xejn fuq digrieti li mhumiex interlokutorji, u ghalhekk ladarba l-legislatur semma s-sentenzi u semma d-digrieti interlokutorji, vwoldieri li appelli minn digriet li mhux interlokutorju ma jkunx hemm. Tant huwa dan veru li fil-prattika forensi , specjalment f'dawn il-proceduri ta' subasti, meta jsir rikors ghal xi provvediment u jkun hemm l-opposizzjoni tal-kontroparti, il-Qorti skond prattika inveterata, taghti digriet fis-sens li tordna li r-rikorrent jipprocedi skond il-ligi... Allura r-rikorrent li jkollu interess jimpunja dak id-digriet, jew li s-subbasta tigi sospiza, jew li jittiehed kwalunkwe provvediment iehor jagixi permezz ta' citazzjoni quddiem l-istess Qorti in kontradittorju ma dik il-parti li opponietlu t-talba tieghu u allura jkollu sentenza li minnha certament ikollu dritt ghall-appell. B'dan il-mod l-impunjazzjoni ta' digriet ta'l-Ewwel Qorti li ma jkollux in-natura ta' digriet interlokutorju."***(Enfasi ta' din il-Qorti)

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti wara li rat u ezaminat d-digriet, oggett ta' skrutinju odjern, taghraf li mhux kull digriet moghti f'subbasta huwa bhal dak li l-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Rosa Borg vs Giuseppi Mifsud** kienet qed tikkonsidera. Dan qieghed jinghad 'l ghaliex il-Qorti tal-Appell ghamlet referenza specifika **ghal digriet ta' sospenzjoni ta' subbasta,** tip ta' digriet li, la hu definittiv, u lanqas interlokutorju u ma huwiex soggett ghall-appell.

Id-digriet li ghalih ghamlet referenza l-Qorti tal-appel f'**Borg vs Mifsud** Ibid, pero ma jibdiex jikkompara ma dak in ezami li huwa wiehed regolatorju moghti tul il-kors tas-subbasta, biex jirregola l-andament tal-istess. Din il-Qorti tqis li dan id-digriet huwa minn natura tieghu digriet interlokatorju.

Din il-Qorti taghraf pero' illi l-fatt li s-socjeta' attrici mexiet b'rikors mahluf minflok rikors fl-atti ta' subbasta ma jimportax mieghu xi nullita tal-azzjoni.

Infatti Artikolu 164 (2) tal-Kapitolu 12 jipprovdi testwalment is-segwenti:

> ***"Ma hemmx nullita' jekk kawza li jmissha tingieb b'rikors minflok tingieb b'rikors guramentat;***
>
> ***Izda kull zieda addizzjonali li jsir fl-ispejjez ghandha tithallas mill-attur;***
>
> ***Izda wkoll id-dispozizzjonijiet ta'dan is-subartikolu ghandhom japplikaw meta skond xi ligi ohra li ma tkunx dan il-kodici, l-procedimenti ghandhom jinbdew b'rikors."***

Fil-meritu il-Qorti trid tezamina kemm -il darba il-kondizzjonijiet imposti fuq l-offerenti prospettivi humiex ***"kontra il-ligi"***, u ***"joholqux xkiel fil-konfront ta' bejgh bl-irkant"*** in kwistjoni - vide para. 11 u 12 tar-rikors promotorju.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti taghraf illi hu minnu li l-Kapitolu 12 ma jispecifikax testwalment li l-Qorti tista' timponi fuq l-offerent prospettiv li jwettaq depozitu pekunjarju jew garanzija bankarja; il-Qorti taghraf ukoll pero d-dritt moghti lilha mill-ligi li tinnomina perit u rkantatur fil-kors ta' subbasta u li tiskrutinja l-inkarigu lilu moghti. Issa skond l-Artikolu 319(6) tal-Kapitolu 12 :

> ***"L-irkantatur pubbliku jkollu d-dritt jitlob li min ikun ser jagħmel offerta jkollu l-garanziji meħtieġa."***

Il-Qorti tistaqsi allura kif jista' jigi dubitat d-dritt taghha li tezigi depoziti jew garanziji, meta dan id-dritt huwa moghti lil subbaltern taghha u cioe' il-lungo manus taghha f'bejgh bl-irkant.

Il-Qorti rat u ezaminat r-raison d' etre ghal tali depoziti jew garanzija mill-offerenti fil-bejgh bl-irkant odjern u taghraf illi d-digriet taht skrutinju kien wiehed ragjonevoli u gust fic-cirkostanzi, ' l ghaliex meta si tratta ta' bejgh bl-irkant ta' proprjeta' ta' valur sostanzjali u cioe' wiehed li jeccedi t-tnejn u ghoxrin miljun Ewro, il-Qorti fl-ghaqal taghha, riedet tiehu dawk il-mizuri propizji biex tassigura illi l-bejgh isir lill-offerent serju.

Il-Qorti lanqas ma tikkondividi mat-tezi tar-rikorrenti li d-depozitu ta' €50,000 jew garanzija bankarja fl-istess ammont ser tnaffar lill-offerenti prospettivi. Min irid jixtri proprjeta' ta' 'l fuq minn tnejn u ghoxrin miljun Ewro, mhux ser jitgerrex minn garanzija bankarja ta' €50,000.

Is-socjeta' intimata management Support Services Limited baqghet kontumaci. Il-Qorti tgahraf illi ghandha taghti l-parametri ta' tal-kuncett ta' kontumacja fil-ligi nostrana.

**Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma ammissjoni.**

Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech deciz fit-22 ta' Gunju**, **2005**, Appell Civili per **Onor. Imhallef Philip Sciberras:**

> ***"... huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35;"***

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et noe.**, Appell, **27 ta' Marzu, 1996** inghad:

> ***"Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvneut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991:***
>
>> ***"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' Ordni Pubblika.***
>>
>> ***Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;""***

Vide ukoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe v. Lino Debono**, Qorti tal-Appell, deciza fis-**7 ta' Ottubru, 1997**.

Fid-dawl ta' dak kollu ritenut aktar 'l fuq il-Qorti taghraf li t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti ma jistghux jintlaqghu fil-konfront tas-socjeta' Mangement Support Services Limited.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' parzjalment l-ewwel eccezzjoni Lombard Bank Malta plc u tilqa't-tieni talba tal-istess bank; tilqa' t-tieni talba parzjalment u tilqa' l-ewwel talba tal-HSBC Bank Malta plc, u tichad t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------